MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 650/2005

**Carmel Cachia bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Sanfe Yachts Limited Ta' Gibilta'**

**vs**

**England Insurance Agency Limited (C 5556) u Middle Sea Insurance plc (C 5553)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Carmel Cachia bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Sanfe Yachts Limited Ta' Gibilta', li permezz taghha, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta' Sanfe Yacths Limited hija s-sid ta' 'pleasure yacht' tat-tip Fairline Squadron 56 bl-isem 'Hawaiian Breeze' registrat fir-Registru Ingliz, fil-port ta' Gibilta', bin-numru ufficjali 724771;

Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju tas-sena 2001, is-Sur Charles Cachia, ghan-nom tas-socjeta’ Sanfe Yachts Limited, ottjena l-hrug ta’ polza ta’ assikurazzjoni numru 3214569001 minghand is-socjeta’ konvenuta Middlesea Insurance plc, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. ‘A’, filwaqt li s-socjeta’ konvenuta England Insurance Agency Ltd kienet l-agenti tal-istess Middlesea Insurance plc;

Il-polza msemmija kellha tkopri l-‘pleasure yacht’ meta dan ikun qed ibahhar fl-ibhra Maltin u Sqallin;

Fis-sena 2001, matul iz-zmien li fih il-‘pleasure yacht’ tas-socjeta’ attrici kien kopert mill-polza tal-assikurazzjoni imsemmija, soffra xi hsarat waqt li kien qed ibahhar;

Is-socjeta’ attrici pprezentat ‘claim’ lis-socjetajiet konvenuti a bazi ta’ dak li kien gara u a bazi tal-polza tal-assikurazzjoni msemmija;

Is-socjetajiet konvenuti accettaw li jikkonsidraw il-hsarat bhala ‘an insured event’ ai termini tal-polza tal-assikurazzjoni hawn fuq imsemmija;

Ai termini tal-istess polza tal-assikurazzjoni, is-socjetajiet konvenuti kellhom l-obbligu jew li jhallsu l-ispejjez ragjonevoli tat-tiswija, jew li jibdlu l-oggetti bil-hsara b’oggetti tat-tip simili u tal-istess kundizzjoni;

Ai termini tal-istess polza tal-assikurazzjoni, is-socjetajiet konvenuti accettaw li jissupplixxu u jissostitwixxu l-partijiet danneggjati tal-yacht b’partijiet ta’ tip u ta’ kwalita’ simili;

Ghal dan il-ghan, is-Sur Charles Cachia, a nom tas-socjeta’ assikurata Sanfe Yachts Limited, ipprovda lis-socjetajiet konvenuti, stima ghas-sostituzzjoni tal-oggetti danneggjati minghand l-agent lokali tad-ditta Fairline sabiex is-socjetajiet konvenuti japprovaw l-istess stima qabel dan jordna l-oggetti tramite l-istess agent;

Madanakollu, is-socjetajiet konvenuti ghazlu illi jaghzlu, jordnaw u jixtru l-oggetti minghand fornitur maghzul minnhom, cioe' Teignbridge Propellers Limited tal-Ingilterra, kif jirrizulta mill-kopja tal-fattura annessa u mmarkata Dok. ‘B’;

Ftit xhur wara s-sostituzzjoni tal-partijiet danneggjati, is-socjeta’ assikurata Sanfe Yachts Limited intebhet li l-partijiet godda huma difettuzi peress illi kienu zviluppaw “*severe pittings, spotting and flaking*” fil-‘propellars’ u r-‘rudder’, u dan kif jidher minn Dok. ‘C1-4’;

Ghalhekk, is-socjetajiet konvenuti naqsu milli jissupplixxu u jissostitwixxu l-partijiet danneggjati tal-yacht b’partijiet ta’ tip u ta’ kwalita’ simili u dan kif ammess mis-socjetajiet konvenuti mal-attur nomine, kif ukoll, fil-korrispondenza skambjata bejn ir-rapprezentant tas-socjetajiet konvenuti England Insurance Agency Limited Joe Pace mas-socjeta’ Teignbridge Propellers Limited tal-Ingilterra, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati Dok. ‘D1-4’;

Is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, naqsu fl-esekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali taghhom skond il-polza tal-assikurazzjoni hawn fuq imsemmija, u partikolarment fl-obbligi taghhom skond klawzola 3;

L-attur nomine soffra dannu u qed isoffri danni minhabba n-nuqqasijiet tas-socjetajiet konvenuti, u qed izomm lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom responsabbli ghad-danni kollha li soffra u li jista’ jsoffri minhabba n-nuqqasijiet tas-socjetajiet konvenuti;

L-attur nomine interpella diversi drabi lis-socjetajiet konvenuti sabiex jadempjixxu ghall-obbligi kuntrattwali taghhom u jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni soffruti minnu, ukoll permezz ta’ protest gudizzjarju, kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. ‘E’, izda ciononostante, is-socjetajiet konvenuti baqghu inadempjenti.

Talbu s-socjetajiet konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, naqsu mill-esekuzzjoni tal-obbligi kuntrattwali assunti minnhom a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni numru 3214569001;

Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, huma responsabbli ghad-danni kollha soffruti mill-attur nomine kif fuq premess, u kif ha jigi ppruvat ulterjorment waqt is-smiegh tal-kawza;

Tillikwida, okkorrendo, permezz ta' periti nominandi, id-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba n-nuqqas tas-socjetajiet konvenuti;

Tikkundanna u tordna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur nomine, is-somma hekk kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-imghax mit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2004 u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju hawn anness, kollox kontra s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti England Insurance Agency Limited u Middlesea Insurance plc, li in forza taghha eccepew illi:

L-inkompetenza *rationae valoris* stante li l-valur mertu tal-kawza ma jeccedix il-hamest elef Lira (Lm5,000);

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li ma huwiex minnu li l-eccipjenti jew min minnhom naqsu milli jesegwixxu l-obbligi kuntrattwali taghhom skond il-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni;

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni ma tkoprix "telf ta' jew hsara lil xi tmun,

puntal, xaft jew skrun sakemm dan ma jkunx ikkagunat minn kuntatt ma’ bastiment iehor jew ma’ xi moll jew sakemm il-Bastiment, id-dghajsa jew dingi ma jkunx ghereq jew nizel taht wicc l-ilma f’cirkostanzi li m’humiex eskluzi minn Klawzola 4.A.v hawn taht” (klawzola 4.A.iv tal-imsemmija polza);

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur noe irid jipprova l-allegazzjoni tieghu li l-“parts” in kwistjoni ma kinux ta’ tip simili u ta’ kundizzjoni ekwivalenti ghal dawk li kien hemm qabel;

Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-imsemmija polza ta’ assikurazzjoni ma tkoprix klejms “ghall-ispejjez ta’ tiswija jew bdil ta’ xi parti mill-Bastiment li jinsab li kellha xi difett mohbi, xaft miksur jew bajla mifqugha...” (klawzola 4.A.4 tal-imsemmija polza) u/jew “ghal xi telf jew hsara kkagunati min-nuqqas tal-ezercizzju ta’ diligenza xierqa ... tal-manutenzjoni [tal-Bastiment] biex jinzamm f’kundizzjoni li jista’ jbahhar ... “ (klawzola 4.A.1 tal-imsemmija polza).

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

BL-ispejjez.

Rat id-dokumenti.

Rat il-verbal tas-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

<u>Fatti</u>

L-attur jirraprezenta sid tal-bastiment bl-isem ‘Hawaiian Breeze’ registrat fir-registru Ingliz bin-numru ufficjali 724771.

L-attur nomine, fit-28 ta' Mejju 2001, ottjena l-hrug tal-polza tal-assikurazzjoni minghand is-socjeta' konvenuta Middlesea Insurance plc, kopja ta' liema polza giet ipprezentata mac-citazzjoni u mmarkata Dok. 'A', u dan tramite s-socjeta' konvenuta England Insurance Agency Limited, li hija l-agent tal-istess Middlesea Insurance plc.

Il-bastiment tal-attur nomine kien involut f'incident fil-bidu ta' Gunju tas-sena 2001, kagun ta' liema l-bastiment soffra hsarat fil-'propellars', 'shafts', 'rudder' u 'P brackets'.

L-attur nomine kien ghamel claim mas-socjeta' England Insurance Agency Limited u hallas l-excess ta' Lm450 (kif konfermat mix-xhieda ta' Joseph Pace, General Manager ta' England Insurance Agency Limited, fix-xhieda tieghu a fol. 108). Peress li l-attur nomine kien kopert bil-polza fuq imsemmija u l-incident kien jikkonsisti f'okkorrenza assikurata taht l-imsemmija polza, is-socjeta' konvenuta England Insurance Agency Limited, accettat il-'claim' tal-attur nomine.

England Insurance Agency xtrat il-parts mehtiega minghand Teignbridge Propellers Limited. Ordnathom hi u hallsithom hi. Xi zmien wara rrizultaw xi problemi fl-istess parts konsistenti f'"severe pittings, spotting and flaking". L-attur insista li l-konvenuti jissostitwixxu l-parts a spejjez taghhom, stante li, skond hu, dawn kienu difettuzi. Meta s-socjetajiet konvenuti baqghu jirrifjutaw li jaccettaw din ir-responsabilita', inbdew il-proceduri odjerni.

<u>Eccezzjonijiet</u>

Is-socjetajiet konvenuti jeccepixxu l-inkompetenza ta' din il-Qorti "rationae valoris", stante li, skond huma, il-mertu tal-kawza ma jaqbizx il-Lm5,000. Il-konvenuti jsejsu din l-eccezzjoni taghhom fuq talba li kienet saritilhom mill-attur ghall-ammont ferm inqas minn Lm5,000.

Il-Qorti tirreferi ghall-Art. 747(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

"*Il-valur incert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-qorti ta' gurisdizzjoni limitata.*"

L-Art. 747(2)(c) imbaghad jistipula:

"*Il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba tal-attur, u lanqas ma jista' jigi determinat bil-mod imsemmi fl-artikoli li gejjin.*"

Fil-kawza "Degabriele vs Attard et" (deciza mill-Imhallef J.R. Micallef fil-Qorti Civili Prim'Awla fit-23 ta' Gunju 2005), il-Qorti rriteniet:

"*Illi, madanakollu, jibqa' l-fatt li, fejn il-valur ta' talba huwa incert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma' dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-ligi hija din il-Qorti. Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati taghna ghar-rigward, fejn gie stabbilit b'awtorita' li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (u mhux il-Qorti inferjuri) kienet kompetenti tisma' l-kawza ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta' danni, minkejja li, fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta' kumpens li seta' jiehu ma kien qatt jisboq ammont li johrog mill-kompetenza ta' dik il-Qorti inferjuri.*"

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tqis il-valur tat-talba tal-attur, m'huwiex wiehed determinat a tenur tal-fuq imsemmija dispozizzjonijiet tal-Ligi, u ghalhekk, din l-eccezzjoni qeghda tigi michuda (ara ukoll "World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited", Imhallef J.R. Micallef – 1/4/2003).

Il-Qorti tiddisponi ukoll mill-hames eccezzjoni tal-konvenuti, li in forza taghha jsostnu li l-'claim' de quo ma hijiex fil-fatt koperta mill-polza in kwistjoni. Din il-Qorti tqis li dan l-argument tal-konvenuti ma jiswiex f'dan l-istadju. Il-pretensjonijiet tal-attur dedotti fil-kawza odjerna huma rizultat tal-'claim' originali minnhom accettat u kopert. M'hijiex qed issir xi claim gdida permezz ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk, din l-eccezzjoni qed tigi michuda ukoll.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-mertu tal-kawza. L-attur jallega li meta s-socjetajiet konvenuti ssupplixxew lilu, il-'parts' in kwistjoni, dawn kienu qed jonqsu mill-obbligu taghhom minnhom assunt fil-polza tal-assikurazzjoni li, skond il-klawzola 3.A.3, testwalment tipprovdi illi:

"*In any other case where the Vessel is damaged as the result of an insured event, we will pay the reasonable cost of repairing the Vessel or, at our option, replace any individual item lost or damaged with an item of similar type and in equivalent condition.*"

L-attur jallega li l-'parts' li gew moghtija lilu biex jissostitwixxu l-partijiet danneggjati ma kinux ta' tip u ta' kwalita' simili. Jirrizulta ben pruvat illi l-'parts' li ssupplixxew il-konvenuti kienu fil-fatt ta' tip simili ghal dawk rimpjazzati. Is-socjetajiet konvenuti rnexxielhom jippruvaw, permezz tad-dokumenti prodotti, li huma kienu xtrawhom minghand socjeta' rinomata u li kienet fil-fatt tissupplixxi hija stess lid-ditta li tibni d-dghajjes "Fairline" li kienet il-marka tad-dghajsa mertu tal-kawza. Li baqa' dibattibbli kien il-fattur tal-kwalita' tal-'parts' innifishom.

Kif huwa ben risaput, l-oneru tal-prova jinkombi dejjem fuq min jallega. Fil-kaz in ezami, il-piz li kien jehtieglu jerfa' l-attur kien essenzjalment wiehed ta' natura teknika.

Irrizulta ampjament illi l-'parts' in kwistjoni zviluppaw 'pitting' u dan gie konfermat mix-xhieda ta' Simon Camilleri, engineer, George Betts, specjalista' ta' "marine corrosion" u J. Amato, surveyor.

Madanakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, ebda wiehed mill-esperti ma kkonkluda li dan kien kawza ta' difett fil-'parts' innifishom.

Is-surveyor Amato issuggerixxa diversi ezamijiet li setghu jigu esegwiti biex tinstab il-kawza tal-problema li zviluppat fil-'parts'. Issuggerixxa ezami tal-'earthing' u 'cathodic protection' li, kieku difettuzi setghu kienu huma l-kawza. Dan l-ezami gie esegwit minn George Betts izda rrizulta

negattiv, fis-sens illi s-sistema ta' 'earthing' u 'cathodic protection' ma kellha ebda difett.

Fix-xhieda tieghu, imbaghad George Betts jghid:

"*Fil-konkluzjoni tar-rapport tieghi fejn ktibt hekk: "....... In conclusion, the pitting on both propellers and port rudder are not connected with the failure of the cathodic protection system. Furthermore, both anode started getting consumed indicating that the cathodic protection system is working efficiently", nikkonferma dak li jiena kont ikkonkludejt.*

*Mistoqsi minn fejn seta' jirrizulta l-pitting, nghid li jista' jkun hemm hafna ragunijiet. F'dan il-kaz, l-opinjoni tieghi hija, li ma nistax nghid minn fejn irrizulta dan il-pitting.*"

Is-surveyor Amato issuggerixxa ukol ezamijiet xjentifici fuq il-metall. Dawn l-ezamijiet qatt ma gew esegwiti.

Ghalkemm ix-xhieda kollha kkostataw problema, hadd minnhom ma kkonferma l-kawza tal-istess. Dan, fil-fehma tal-Qorti, huwa fatt sinjifikanti ghaliex is-socjeta' Teignbridge Propellers li ssupplixxiet il-'parts' in kwistjoni dejjem sostniet illi l-'parts' ma kinux difettuzi, izda li gara kien kawza ta' kif gie uzat il-yacht.

Ir-rapprezentant ta' Teignbridge Propellers jghid hekk f'ittra tieghu mibghuta lil England Insurance:

"*I have reviewed the photographs provided with request to the propellers supplied in 2001. The pitting on the propellers is a result of galvanic cells created by marine growth and the marina environment. The marine growth, commonly called barnacles are basically composed of calcium. The barnacle coating sets up a galvanic potential on the surface and can erode the blade under the surface of the calcium deposit.*

*The level of pitting is a result of an extended period of inactivity. If the boat had been used regularly, the marine growth would not have become established.*"

Fil-kawza "Giordmaina Medici et vs Rizzo et" (deciza mill-Imhallef N. Cuschieri fit-28 ta' April 2004), il-Qorti Civili Prim'Awla rriteniet illi:

"*In tema legali jigi osservat li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti hi tal-fehma li l-provi prodotti mill-attur f'din il-kawza ma jwassluhiex sabiex tikkonkludi li s-socjetajiet konvenuti b'xi mod naqsu mill-obbligazzjonijiet minnhom assunti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet numru wiehed u numru hamsa kif intqal aktar 'il fuq, tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjetajiet konvenuti u tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------